Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/156

27.1.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/156

## tal-21 ta’ Jannar 2025

## li taħtar erba’ membri u ħames membri supplenti, proposti mill-Ungerija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta’ Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Ungeriż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta’ Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta’ Jannar 2020 sal-25 ta’ Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sa Barbara Szilvia HEGEDŰS, is-Sur József KÓBOR, is-Sur Lajos KOVÁCS u s-Sur József RIBÁNYI saru vakanti s-siġġijiet ta’ erba’ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Attila KISS, is-Sur Erik KONCZER, is-Sur Ádám MIRKÓCZKI u s-Sur Zoltán NÉMETH saru vakanti s-siġġijiet ta’ erba’ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Raymund KOVÁCS bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti siġġu ta’ membru supplenti.

(6) Il-Gvern Ungeriż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandati attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025: is-Sur Raymund KOVÁCS, *Budapest Főváros XVI. Kerület Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Assemblea Lokali tas-16-il Distrett ta’ Budapest), is-Sur László Szabolcs ŐRI, *Baranya Vármegye Közgyűlés elnöke* (President tal-Kunsill tal-Kontea ta’ Baranya Vármegye), is-Sa Klaudia SZEMEREYNÉ PATAKI, *Kecskemét Megyei Jogú Város polgármestere* (Sindku tal-Belt ta’ Kecskemét bi drittijiet ta’ kontea), u, abbażi ta’ mandat nazzjonali differenti, is-Sur Attila KISS, *Hajdú-Biher Vármegye Közgyűlés tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta’ Hajdú-Bihar Vármegye).

(7) Il-Gvern Ungeriż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025: is-Sur Károly ANDRÁS, *Bács Kiskun Vármegye Közgyűlés tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta’ Bács-Kiskun Vármegye), is-Sur Lajos BARCSA, *Debrecen Megyei Jogú Város Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta’ Debrecen bi drittijiet ta’ kontea), is-Sur Béla BÁSTHY, *Kőszeg Város polgármestere* (Sindku tal-Belt ta’ Kőszeg), is-Sur Benedek FARKAS, *Budaörs Város Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Assemblea Lokali tal-Belt ta’ Budaörs) u s-Sa Marietta HERFORT *Budapest Főváros v. Kerület Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Assemblea Lokali tal-ħames Distrett ta’ Budapest),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta’ Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta’ Jannar 2020 sal-25 ta’ Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/102/oj).

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

— is-Sur Attila KISS, *Hajdú-Biher Vármegye Közgyűlés tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Hajdú-Bihar Vármegye) (bidla tal-mandat),

— is-Sur Raymund KOVÁCS, *Budapest Főváros XVI. Kerület Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Assemblea Lokali tas-16-il Distrett ta' Budapest),

— is-Sur László Szabolcs ŐRI, *Baranya Vármegye Közgyűlés elnöke* (President tal-Kunsill tal-Kontea ta' Baranya Vármegye),

— is-Sa Klaudia SZEMEREYNÉ PATAKI, *Kecskemét Megyei Jogú Város polgármestere* (Sindku tal-Belt ta' Kecskemét bi drittijiet ta' kontea),

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Károly ANDRÁS, *Bács Kiskun Vármegye Közgyűlés tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Bács-Kiskun Vármegye),

— is-Sur Lajos BARCSA, *Debrecen Megyei Jogú Város Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Debrecen bi drittijiet ta' kontea),

— is-Sur Béla BÁSTHY, *Kőszeg Város polgármestere* (Sindku tal-Belt ta' Kőszeg),

— is-Sur Benedek FARKAS, *Budaörs Város Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Assemblea Lokali tal-Belt ta' Budaörs) u

— s-Sa Marietta HERFORT *Budapest Főváros v. Kerület Képviselőtestület tagja* (Membru tal-Assemblea Lokali tal-ħames Distrett ta' Budapest).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI